# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 10**

**Rikors numru 520/13/1 SM**

**Raymond Saliba**

**v.**

**Valletta Gateway Terminals Limited (C-38888)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat ta' Raymond Saliba tal-31 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu nghad:

> "1. Illi l-esponent huwa impjegat mas-socjeta` intimata.
>
> "2. Illi fis-7 ta' Awwissu, 2010 l-esponent kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol waqt li huwa kien qieghed isuq u jopera *fork lifter* fuq il-post tax-xoghol.

"3. Illi b'rizultat tal-imsemmi incident l-esponent sofra danni ingenti anke b'rizultat tal-fatt li huwa sofra debilita` permanenti.

"4. Illi s-socjeta` intimata bhala d-data tal-impjieg tieghu hija unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni stante illi, fost ohrajn, naqset milli tipprovdilu *a safe place of work* u *a safe system of work* kif inhija legalment u kuntrattwalment obbligata illi taghmel.

"5. Illi l-esponent interpella lis-socjeta` intimata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha minnu sofferti anke permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Mejju, 2013 izda s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"6. Illi l-esponent jaf personalment bil-fatti kif dikjarati.

"Tghid ghalhekk is-socjeta` intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti-:

(i) "prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi s-socjeta` intimata hija unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-esponent;

(ii) "tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponent okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi; u

(iii) "tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lill-esponent dik is-somma in linea ta' danni kif tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

"Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Mejju, 2013 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited tat-8 ta' Awwissu, 2013, li permezz taghha eccepiet:

"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-kawza odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikoli 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

"3. Illi l-incident odjern ma sehhx tort ta' xi nuqqasijiet attriwibbli lis-socjeta` esponenti u ghalhekk id-dikjarazzjoni kontenuta f'paragrafu erbgha tar-risposta guramentata qed tigi kontestata in kwantu s-socjeta` esponenti bl-ebda mod ma naqset mid-dmirijiet taghha skont il-ligi;

"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz l-incident mertu ta' din il-kawza sehh minhabba nuqqas da parti tal-attur li jsegwi proceduri ta' prudenza fl-esekuzzjoni ta' xogholu u/jew fuq il-post tax-xoghol;

"5. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ma jirrizultax illi l-attur bata xi nuqqas fl-introjtu tieghu minn mas-socjeta` esponenti, sussegwentament u konsegwentament ghall-incident mertu ta' din il-kawza;

"6. Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici kif diretta kontra s-socjeta` esponenti m'ghandhiex tintlaqa';

"7. Illi konsegentament m'hemmx danni x'jigu likwidati jew imhallsa mis-socjeta` esponenti u ghalhekk it-tieni u t-tielet talbiet ghandhom jigu michuda;

"8. Salv eccezzjonijiet ohra."

3. Rat ir-risposta ulterjuri tas-socjeta` konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited tat-8 ta' Awwissu, 2014, li permezz taghha gie eccepit ukoll li:

"1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra sollevati minnha, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Novembru, 2015, li permezz taghha ddecidiet l-eccezzjonijiet preliminari fis-sens illi laqghet iz-zewg eccezzjonijiet preliminari relattivi ghall-preskrizzjoni,

sollevati mis-socjeta` konvenuta u ghalhekk iddikjarat l-azzjoni odjerna preskritta. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat:
>
> "12.0. Illi f'dan l-istadju, l-procedura odjerna hi limitata fl-epurazzjoni taz-zewg risposti ta' natura preliminari sollevat mis-socjeta` intimata, it-tnejn rigwardanti l-preskrizzjoni, senjatament:
>
> "12.1. Dik naxxenti mill-artiklu 2153 tal-Kap 16 riferit, u
> 12.2. Dik naxxenti mill-artiklu 29 tal-Kap 352 ta' l- istess ligijiet;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "13.0. Preskrizzjoni naxxenti mill-artiklu 2153 tal-Kap 16 ta' l-istess Ligijiet:
>
> "13.1. Illi l-imsemmi artiklu indikat fil-paragrafu precedenti jghid is-segwenti:
>
> > "L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa` bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn";
>
> "13.2. Illi kif ritenu mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Cassar vs. Maria Ciappara, datata t-2 ta' Marzu, 1958, Volum XXXViii, Pt. I, p. 87:
>
> > "... gie kostantement ritenut mill-gurisprudenza tapplika biss *ai danni aquiliani nascenti da cause che penalmente non fossero reati, ma pure sarebbero delitti civili o quasi-delitti* ..."
>
> "13.3. Illi sintetikament allura, kif ukoll hemm ritenut, hawn *si tratta* minn analizi ta' dak id-dannu li jolqot ir-rizarciment tad-dannu "extra-kontrattwali derivanti minn fatt illecitu", (ibid p. 87);
>
> "13.4. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li l-incident in dizamina sehh fis-7 t'Awwissu, 2010, (ara foll 1), meta l-*fork-lifter* misjug mir-rikorrenti nizlitlu rota go hofra, ha skoss, u r-rombli li kien qed igorr hargu f'salt minn gol-frieket bil-konsegwenza li l-*lifter* ghola minn wara u r-rikorrenti habat rasu mas-saqaf u beda` jghajjat bl-ugiegh, (ara foll 24);

"13.5. Illi jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti baghat ittra ufficjali fir-rigward datata l-10 ta' Mejju, 2013, (ara foll 2), u intavola l-procedura odjerna fil-31 ta' Mejju, 2013, (ara foll 1);

"13.6. Illi konsegwentement jirrizulta matematikament assodat li r-rikorrenti adixxa fir-rigward abbundantement wara li gia` kien issuperat il-perjodu biennali hawn stipulat;

"13.7. Illi konsegwenza ta' l-istess, il-procedura odjerna tirrizulta li hi preskritta ai termini ta' l-artiklu 2153 tal-Kap 16 fuq riferit;

"Ikkunsidrat:

"14.0. Preskrizzjoni naxxenti mill-artiklu 29 tal-Kap 352 ta' l-istess ligijiet:

"14.1. Illi sintetikament l-istess artiklu jistabbilixxi is-segwenti:

"14.1.1. Illi talba skritta trid tintbghad lill-Awtorita` jew lill-kuntrattur involut sa sitt (6) xhur mid-data li l-oggetti kienu accettati mill-istess;

"14.1.2. L-azzjoni ma tinbediex fi zmien tnax (12) il- xahar mill-imsemmija data, ghalkemm dan il-perjodu jista` jigi estiz

"14.2. Illi kif ritenut fis-sentenzi citati mill-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` intimata fir-rigward li a skans ta' dilungar inutili qed issir referenza ghall-istess, (ara foll 52 sa 54), jigi sintetikament ghalhekk ritenut li ghal kull effett u fini fil-ligi applikabbli, s-socjeta` intimata ghandha tigi kkonsidrata bhala "*kuntrattur*" "*ai fini*" ta' l-artiklu 29 in dizamina, (ara foll 53);

"14.3. Illi kif ukoll ritenut fil-kawza Grech et vs. Ministru Responsabbli mit-Trasport u Komunikazzjoni et, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri fid-19 t'Ottubru, 2010, (ara foll 53), l-artiklu 29 in dizamina mhux limitat ghall-incidenti li jsehhu fuq bastiment izda japplikaw ukoll ghall-azzjonijiet indirizzati fil-konfront tal-kuntrattur – f'dan il-kaz, is-socjeta` intimata – ghal telf jew hsara li ssir li xi persuna;

"14.4. Illi l-istess artiklu 29 in dizamina jippermetti li ghandu japplika "minkejja id-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra";

"14.5. Illi f'dan ir-rigward ghandu jkun pacifiku li "*lex specialis derogat generalis*", u konsegwentement, in vista ta' l-istess il-preskrizzjonijiet partikolari kif indirizzati mir-rikorrenti ma japplikawx ghall-kaz odjern;

"14.6. Illi konsegwenza ta' l-istess, il-procedura odjerna tirrizulta li hi konformi mas-suespost, u konsegwentement anke l-artiklu 29 tal-Kap 352 fuq indirizzat jirrizulta applikabbli ghall-kaz odjern;

"Ikkunsidrat:

"15.0. Illi konsegwenza tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` intimata pprovat iz-zewg (2) eccezzjonijiet preliminari sollevata minnha..."

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Novembru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi li permezz taghha ntlaqghu z-zewg eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni sollevati mis-socjeta` konvenuta appellata u tordna li l-kawza tkompli tinstema' u tigi trattata sabiex tigi deciza fil-mertu. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

7. Rat ir-risposta tal-appell tas-socjetà konvenuta appellata Valletta Gateway Terminals Limited, li in forza taghha u ghar-ragunijiet hemm spjegati, talbet lil din il-Qorti tichad l-appell interpost mill-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Novembru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

8. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw;

9. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

10. Illi din il-kawza hija wahda rigward incident fuq il-post tax-xoghol u l-attur jitlob li s-socjeta` konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghad-danni li huwa jghid li garrab konsegwenza tal-incident li sehh fis-7 ta' Awwissu, 2010. Kwindi jitlob li jigu likwidati d-danni li garrab konsegwenza tal-imsemmi incident, kif ukoll li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas id-danni hekk likwidati, bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

11. Is-socjeta` konvenuta, permezz tal-eccezzjonijiet taghha, tichad ir-responsabbilita` ghall-incident in kwistjoni, kif ukoll tressaq zewg eccezzjonijiet preliminari: (i) dik li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16; (ii) kif ukoll permezz tal-eccezzjoni ulterjuri ssostni li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. Permezz tas-sentenza taghha tat-2 ta' Novembru, 2015, l-ewwel Qorti laqghet dawn iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta` konvenuta u ghahekk iddikjarat l-azzjoni attrici preskritta. Bl-ispejjez kontra l-attur.

13. L-attur hassu aggravat permezz tal-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona l-appell in ezami. Fl-ewwel lok, l-appellant jikkontendi

li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rriteniet li d-danni kienu jolqtu rizarciment ta' dannu extra-kuntrattwali derivanti minn fatt illecitu, peress li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet wahda ta' natura kuntrattwali, imsejsa fuq kuntratt ta' impjieg li l-appellant ghandu mas-socjeta` appellata. Filwaqt li jaghmel referenza estensiva ghall-gurisprudenza in materja, jishaq li l-perjodu preskrittiv ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, kif eccepit mis-socjeta` appellata m'huwiex applikabbli ghall-kaz. Fit-tieni lok, l-appellant jishaq ukoll li l-provvediment tal-ligi nvokat mis-socjeta` appellata, cioè l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll ma japplikax ghall-kaz in ezami, in kwantu din tirrispekkja dispozizzjonijiet li wiehed isib fil-Konvenzjonijiet Internazzjonali dwar *carriage of goods by sea* u ghalhekk certament mhix applikabbli ghall-kazijiet ta' azzjoni ta' danni konsegwenti ghal incident fuq il-post tax-xoghol, izda hija applikabbli f'kazijiet ta' danni relattivi ghall-garr ta' merkanzija. Hawn ukoll, l-attur appellant jaghmel referenza estensiva ghall-gurisprudenza fir-rigward.

14. Fir-risposta tal-appell taghha, is-socjeta` konvenuta appellata filwaqt li taghmel referenza ghall-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) ttenni li l-incident sehh fis-7 ta' Awwissu, 2010, filwaqt li l-azzjoni attrici kienet intavolata fil-31 ta' Mejju, 2013. Mentri l-ittra ufficjali precedenti kienet saret fl-10 ta' Mejju, 2013, ghalhekk issostni li t-terminu preskrittiv mahsub fl-Artikolu 2153 kien lahaq skada, minghajr ma

gie interrot b'att gudizzjarju. Mhux biss, izda tishaq li l-azzjoni tfalli wkoll permezz tal-ligi specjali, senjatament l-Artikolu 29 tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti. Filwaqt li s-socjeta` appellata tfisser li m'huwiex kontestat li hija kuntrattur ghall-finijiet tal-Artikolu 29 in ezami, issostni li l-linja ta' interpretazzjoni tal-gurisprudenza tal-qrati taghna hija kostanti fis-sens li dan il-provvediment tal-ligi ghandu jipprevali fuq kull provvediment iehor tal-ligi u japplika f'kwalunkwe talba ghad-danni kontra l-kuntrattur. Filwaqt li taghmel referenza estensiva ghall-gurisprudenza in materja, tikkontendi li dan il-provvediment tal-ligi m'huwiex limitat ghall-incidenti li jsehhu fuq il-bastiment, izda japplika wkoll ghall-azzjonijiet li jsiru fil-konfront taghha ghal telf jew hsara li ssir fuq l-art, inkluz hsara lil xi persuna fuq il-moll fejn sehh l-incident, mertu ta' dawn il-proceduri. Kwindi ttenni li l-provvediment tal-Artikolu 29 ghandu japplika wkoll ghall-kaz in ezami, in kwantu l-kawza ghad-danni subiti mill-appellant kontra s-socjeta` appellata hija "azzjoni… ghal telf jew hsara li ssir lil xi persuna."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Ghandu jinghad mal-ewwel li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghandu ragun l-attur appellant fir-rigward tal-ewwel aggravju tieghu, in kwantu meta tirrizulta inadempjenza fit-twettiq ta' obbligazzjoni, din taghti lok ghal danni kuntrattwali minhabba li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti fil-kawza. Kif ikkonfermat minn din il-Qorti, fis-sentenza

taghha tal-20 ta' Frar, 2009, fir-rigward tas-sentenza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Avv. Louis Cassar Pullicino noe v. Angelo Xuereb nomine:**

> *"Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kontrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-ezekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront tal-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu l-oneru ta' prova iktar difficli mpost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll.*
>
> *"Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert.*
>
> *"Ir-responsabbilita` ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skond il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. Torrente jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita` contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita` extra contrattuale.*
>
>> *"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". (Torrente & Schlesinger "Manuale Di Diritto Privato", para. 394 pg 639)*
>>
>> *"Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg sitwazzjonijiet hija proprio l-ezistenza o meno tar-rabta obbligatorja antecedenti ghall-att jew ommissjoni li ta lok ghad-dannu li l-attur jallega li gie lilu kkawzat. Fil-kaz tal-viaggio in tram evidentement hemm kuntratt ta' gar u quindi hemm obbligazzjoni antecedenti ghall-att jew ommissjoni li tat lok ghall-incident, filwaqt li fil-kaz ta' l-incident l-iehor - dak li jaghti lok ghar-responsabbilita` extra contrattuale – ma hemmx din ir-rabta obbligatorja antecedenti ghall-istess incident. In effetti Torrente jispjega illi fl-ambitu tar-responsabbilita` "extra contrattuale ... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno."*
>
> *"Fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili wara l-kawza fl-ismijiet "Vassallo vs Mizzi et", deciza fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi "l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita` taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa*

*kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad.*

*"L-ezistenza o meno ta' din ir-rabta obbligatorja, oltre li tiddetermina n-natura ta' l-azzjoni ghad-danni tiddetermina wkoll it-terminu entro liema din l-istess azzjoni ghandha tigi istitwita.*

*"Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell wara l-kawza fl-ismijiet "Busuttil vs Schembri", deciza fid-19 ta' Frar 1954, il-Qorti kkunsidrat illi "l-azzjoni ghad-danni hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn meta d-dannu huwa derivanti minn kwazi-delitt, jigifieri fil-kaz ta' kolpa akwiljana; u mhux ukoll fil-kaz ta' kolpa kontrattwali. Huwa veru li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, pero' biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali, jehtieg li dik il-kolpa ma jkollhiex rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti, u ghalhekk, anki fil-presenza ta' kuntratt, jiddependi miccirkostanzi l-gudizzju jekk il-kolpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew akwiljana. Jigifieri meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun akwiljana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali."*

*"Ghal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni relattiva ghall-azzjoni specifika, id-distinzjoni hija wahda semplici – azzjoni ghad-danni relattiva ghar-responsabbilta` contrattuale hija preskritta bid-dekors ta' terminu ta' hames snin, filwaqt li azzjoni ghad-danni relattiva ghar-responsabbilita` extra contrattuale hija preskritta bid-dekors ta' terminu ta' sentejn – entrambe dekoribbli minn dakinhar li setghet tigi ezercitata l-azzjoni ghad-danni: (ara "Spiteri pro et noe vs Castle" - deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Awissu 1965; u "Busuttil vs Schembri" – deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Frar 1954.)"*

16. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jinsab accertat li bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited tezisti relazzjoni guridika naxxenti minn kuntratt ta' impjieg antecedenti ghall-incident (ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Claire Sevasta a fol. 20 u ta' Doreen Curmi a fol. 40 u 41 tal-process). Ghaldaqstant ma hemmx dubju

li bejn il-kontendenti fil-kawza, hemm relazzjoni guridika kuntrattwali, intrinsikament naxxenti minn kuntratt tal-impjieg. Dan certament jirrikjedi illi s-socjeta` konvenuta appellata bhala l-imghallem, li tipprovdi *a safe system of work* u *a safe place of work* ghall-impjegati taghha u ghalhekk huwa intrinsikament konness mar-rabta kuntrattwali bejn il-partijiet. Ma jistax jinghad li l-htija fil-materja ta' korriment fuq il-post tax-xoghol hija awtonoma u naxxenti mill-obbligu generiku tan-*neminem laedere* ghaliex l-obbligazzjoni in kwistjoni ssib il-bazi taghha fir-rabta kuntrattwali. Gialadarba r-responsabbilita` tas-socjeta` appellata li tipprovdi post sigur ghall-impjegati taghha, hija obbligazzjoni derivanti mill-kuntratt li hemm bejnha u bejn l-attur, hsara kkagunata minn inadempjenza ta' tali obbligu taghti lok ghall-azzjoni ta' danni fuq bazi ta' responsabbilita` kuntrattwali u ghalhekk l-azzjoni relattiva hija preskritta bid-dekors ta' hames snin u mhux sentejn kif inghad mill-ewwel Qorti. Isegwi li ghandu ragun l-appellant fir-rigward tal-ewwel aggravju tieghu.

17. Jonqos li jigi trattat it-tieni aggravju, tal-attur appellant, dak dwar l-applikabbilità tal-Artikolu 29 tal-Kap.352 ghall-kaz in ezami. Fil-verità, hawn ukoll, din il-Qorti tqis li ghandu ragun l-appellant fir-ragunament tieghu. Jibda billi jigi osservat li, minn qari tal-provvediment invokat mis-socjeta` appellata jirrizulta li fih jinghad:

> *"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, ma tista' tittiehed ebda azzjoni kontra l-Awtorita' jew kuntrattur dwar ir-responsabbilita' taghhom taht dan l-Att, jew ghal xi telf jew hsara li ssir lil xi persuna,*

> *bastiment, oggetti, vetturi jew hwejjeg ohra huma x' inhuma abbord bastiment kemm-il darba:*
>
> *"(a)* ***talba bil-miktub, li taghti dawk il-partikolaritajiet li jistghu jkunu b' mod xieraq mehtiega, ma tinghatax lill-Awtorita' jew lill-kuntrattur, skond il-kaz, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oggetti kienu accettati mill-Awtorita' jew mill-kuntrattur****;*
>
> *"(b) l-azzjoni ma tinbediex fi zmien tnax-il xahar mill-imsemmija data;*
>
> *"Izda l-Awtorita` jew il-kuntrattur, skond il-kaz, jista' jestendi z-zmien specifikat fil-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu b'dak iz-zmien l-iehor ta' mhux izjed minn sitt xhur li jidhrilha xieraq jekk tkunsodisfatta li t-talba ma setghetx issir b'mod xieraq fiz-zmien specifikat kif intqal qabel;*
>
> *"Izda wkoll l-Awtorita' jew il-kuntrattur, skond il-kaz, ma jkunux responsabbli ghal aktar mil-limiti jew mill-ammonti stabbiliti b'ligi, jew f'dawk ic-cirkustanzi li jistghu jkunu preskritti."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Filwaqt li mhux kontestat li s-socjeta` konvenuta appellata hija kuntrattur ghall-fini tal-ligi in kwistjoni, huwa al kwantu car li dan il-provvediment japplika f'dawk il-kazijiet fejn tiggarrab hsara fil-merkanzija. Fil-kaz in ezami, ghandek talba ta' danni ghall-hsara personali li garrab l-attur fuq il-post tax-xoghol, konsegwenti ghall-incident in kwistjoni. Ma kien hemm l-ebda terminu li skatta ghall-fini ta' dan il-provvediment, ladarba ma kien hemm ebda "oggetti" li kellhom jigu "accettati".

18. L-obbligu tad-danneggjat li jaghti avviz bil-miktub lill-Awtorita` jew lill-kuntrattur fi zmien determinat dwar l-oggett li dwaru jigi reklamat id-dannu, u l-limitazzjoni f'termini finanzjarji tal-azzjoni fl-Artikolu 29 tal-Kap. 352, huma provvedimenti simili ghal dawk li wiehed isib f'Konvenzjonijiet Internazzjonali li jirrigwardaw il-*carriage of goods by sea*. Hekk b'ezempju s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-7 ta' Lulju, 2003,

fil-kawza fl-ismijiet **The Cargo Handling Co. Ltd v. John Abela Limited**, fejn l-ex Artikolu 65 (illum Artikolu 29) tal-Kap. 352, gie mqabbel mal-Artikolu 3(6) tal-Hague Rules jew Regolament numru 6 taht l-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Garr tal-Merkanzija bil-Bahar (Kap. 140) fil-kaz ta' azzjoni kontra l-vapur jew it-trasportatur bil-bahar. Fil-fatt f'dik is-sentenza nghad li l-provvediment tal-ligi ma kienx applikabbli peress li huwa japplika f'azzjonijiet kontra u mhux mill-Awtorita` jew kuntrattur. Fil-fatt, kwazi l-gurisprudenza kollha citata mill-partijiet titratta kawzi ta' danni relattivi ghall-merkanzija.

19. L-aktar sentenza relevanti citata mill-kontendenti fil-kawza hija dik ta' din il-Qorti deciza fil-31 ta' Ottubru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Sylvia Grech et v. Ministeru Responsabbli mit-Trasport u Kommunikazzjoni et,** fejn inghad:

> *"11. Din il-qorti ma tarax li tista' taqbel mal-interpretazjoni tal-art. 29 li qiegħda tagħti l-awtorità konvenuta, u lanqas mal-applikazzjoni ta' dak l-artikolu li għamlet l-ewwel qorti.*
>
> *"12. Qabel xejn għandu jingħad illi din il-kawża saret għad-danni wara li xogħlijiet li saru mill-Awtorità Marittima, predeċessur tal-awtorità konvenuta, għall-bini ta' terminal ġdid fl-Imġarr fejn jorbtu l-bastimenti ta' Għawdex, ħolqu inkonvenjent kbir għall-atturi fin-negozju tagħhom li wassal għal telf ta' qligħ.*
>
> *"13. Issa huwa minnu illi l-bini tat-terminal ġdid u x-xogħlijiet relativi kienu parti mir-responsabilitajiet tal-awtorità taħt l-Att, u l-art. 29 jolqot kull azzjoni tal-utenti tat-terminal kontra l-awtorità msejsa fuq dawk ix-xogħlijiet. L-art. 29 iżda ma jistax jolqot ir-relazzjoni tal-awtorità ma' terzi li, bħall-atturi, ma humiex utenti tas-servizzi tal-awtorità jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħha. Ir-relazzjoni bejn l-atturi u l-awtorità ma hijiex konsegwenza tar-responsabilitajiet tal-awtorità taħt l-att.*
>
> *"14. Il-kliem stess tal-artikolu 29 juri illi ma huwiex maħsub illi japplika f'ċirkostanzi bħal dawk tal-każ tallum. Il-parti konvenjentement*

*maqbuża mill-awtorità meta iċċitat l-artikolu tgħid illi ma tistax tittieħed azzjoni kontra l-awtorità jekk:*

> *"talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-kuntrattur, skond il-każ, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur."*

*"15.* ***Dan il-kliem – partikolarment dwar li l-oġġetti li ġarrbu ħsara jridu jkunu ġew "aċċettati mill-awtorità" – juri illi biex japplika dan l-artikolu jrid ikun hemm relazzjoni, derivanti mill-funzjonijiet, mir-responsabilitajiet jew mis-setgħat tal-awtorità, bejn l-istess awtorità u l-persuna li ġġarrab il-ħsara. Fil-każ tallum ma kienx hemm dik ir-relazzjoni bejn il-partijiet u ebda oġġetti li l-awtorità kellha, minħabba dik ir-relazzjoni, "taċċetta" mingħand l-atturi.***

*"16. Huwa ovvju għalhekk, fil-fehma ta' din il-qorti, illi l-art. 29 ma huwiex applikabbli għall-każ tallum u l-ewwel aggravju* tal-atturi għandu *jintlaqa'..."* (enfasi ta' din il-Qorti)

20. L-istess principji japplikaw f'dan il-kaz, in kwantu hekk kif l-Artikolu 29 m'ghandux japplika f'kawza ta' danni mressqa minn terz minhabba dewmien fix-xoghlijiet li kkawzaw danni peress li ma setghetx tibqa' topera kif suppost il-hanut taghha, hekk ukoll, f'dan il-kaz, l-Artikolu 29 tal-Kap. 352 m'ghandux japplika fejn l-allegati danni gew ikkawzati waqt li l-attur kien qieghed jaqdi d-dmirijiet tieghu fuq il-post tax-xoghol mal-kuntrattur. B'hekk, l-azzjoni attrici hija relattiva ghar-relazzjoni kuntrattwali bejniethom, l-attur innifsu m'huwiex utent tas-servizz moghti mis-socjeta` konvenuta bhala kuntrattur tal-Awtorita` kompetenti u huwa estranju ghar-responsabbiltajiet u s-setghat tas-socjeta` appellata, bhala kuntrattur tal-Awtorita` kompetenti naxxenti minn kuntratt separat. F'dan il-kaz ukoll, ma kien hemm ebda "oggetti" li s-socjeta` konvenuta bhala l-kuntrattur kellu "jaccetta" fil-konfront tal-attur. Kif gustament josserva l-appellant, ir-responsabbilita` tas-socjeta` appellata bhala dik li thaddem

in-nies maghha, li tipprovdi *a safe place of work* lill-impjegati taghha, inkluz l-attur, mhix responsabbilita` naxxenti mill-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta, izda kif inghad qabel, hija obbligazzjoni kuntrattwali li hija ghandha fil-konfront tal-attur. Kwindi l-principju *lex specialis derogat lex generalis,* citat mill-ewwel Qorti, m'ghandux relevanza f'dan il-kaz, in kwantu l-Artikolu 29 tal-Kap. 352, mhux applikabbli ghall-kaz in ezami (ara **Joseph Casha v. VGT Ltd et** deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' April, 2018).

21. Huwa rrilevanti li l-incident sehh fuq il-moll u mhux fuq il-bastiment. Ghalkemm it-talba attrici hija wahda ta' danni konsegwenti ghal incident li sehh waqt il-hatt ta' merkanzija minn fuq il-bastiment, senjatament waqt li l-attur kien qieghed isuq *forklifter* fuq il-moll, ghalkemm din il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza citata mis-socjeta` appellata li l-Artikolu 29 japplika wkoll ghal azzjonijiet li jsiru kontra l-Awtorita` jew il-kuntrattur ghal telf jew hsara li ssir fuq l-art, inkluz il-moll, izda dan japplika ghall-hsara li jgarrbu l-oggetti fil-hatt ta' merkanzija fl-ambitu tal-Kap. 352. Dan il-kaz ma jitrattax danni mgarrba mill-oggetti fil-process ta' hatt, izda danni allegatament mgarrba minn impjegat tas-socjeta` appellata, li sehh fuq il-moll, waqt il-qadi ta' dmirijietu. Hekk ukoll il-"*hsara li ssir lil xi persuna*" citata mis-socjeta` appellata, ma tistax tigi spezzettata kif tittanta taghmel is-socjeta` appellata, izda trid tinqara fil-kuntest shih tal-Artikolu 29 tal-Kap. 352, li jigi ribadit li ma japplikax ghall-attur appellant bhala impjegat tas-socjeta` appellata. Isegwi li f'dan it-tieni aggravju wkoll, l-attur appellant ghandu jinghata ragun.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur appellant, billi tilqa' l-istess u filwaqt li thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-2 ta' Novembru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta` appellata li l-azzjoni attrici waqghet bil-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u tal-Artikolu 29 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi fir-rigward ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet preliminari, kontra s-socjeta` konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited.

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex l-atti tal-kawza jintbaghtu lura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, sabiex tkompli tinstema', tigi trattata u deciza l-kawza fil-mertu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm